MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 770/2002

**Ancams Limited**

**Vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li, bih, is-socjeta' rikorrenti, wara li ppremettiet illi permezz ta' ittra ufficjali tat-28 ta' Novembru 2002, il-Kontrollur tad-Dwana interpella lis-socjeta' Ancams Limited biex ihallas is-somma ta' tlett mija u hamsa u sittin lira Maltin allegatament dovuti bhala levy u VAT fuq importazzjoni ta' juice u nectars impurtati f'Mejju 2001 skond post entry annessa mal-ittra ufficjali.

Illi permezz ta' affidavit pprezentat kontestwalment mal-ittra ufficjali, il-Kontrollur tad-Dwana ddikjara li l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali huwa dovut ghall-istess ragunijiet

kontenuti fl-ittra ufficjali u dan a tenur ta’ artikolu 466(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi s-socjeta’ Ancams Limited tichad l-allegazzjonijiet tal-Kontrolllur tad-Dwana bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub minnu mhux dovut minnha u dan ghar-ragunijiet segwenti.

Illi l-oggetti impurtati mis-socjeta’ esponenti kienu rilaxxati mid-Dwana u kien biss wara dan ir-rilaxx li l-istess Kontrollur talab il-hlas ta’ Levy u VAT fuq l-oggetti impurtati.

Illi dawn l-oggetti ta’ juices u nectars huma regolati b’direttiva tal-Unjoni Ewropeja partikolarment Directive EU 94/35/EC kif spjegat fl-ittra tal-istess socjeta’ fil-31 ta’ Lulju 2001.

Illi l-Avukat Generali, f’ittra ta’ 21 ta’ Awissu 2002, jikkonferma li din id-direttiva giet inkorporata fl-Avviz Legali 209/97 u li ghalhekk tezenta hlas ta’ levy minhabba in-natura u l-elementi nutrizjonali u livelli tal-addattivi tal-oggetti impurtati.

Illi fl-istess ittra l-Avukat Generali jikkontendi li l-Avviz Legali 5 tal-2002 tal-Kap 231 tal-Ligijiet ta’ Malta jissostitwixxi l-Avviz Legali fuq imsemmi liema Avviz ghadu vigenti u dan ghaliex id-direttiva EU 94/35/EC ghadha fis-sehh u applikabbli ukoll ghal pajjizna.

Illi fuq dan kollu premess il-levy allegatament dovuta u mitluba mill-Kontrollur tad-Dwana mhix dovuta mill-esponenti u dan ghaliex l-ispizjar tal-istess Kontrollur tad-Dwana qed jinterpreta hazin l-elementi nutrizjonali u l-livelli tal-addativi tal-oggetti impurtati tant li meta dawn gew rilaxxati mid-Dwana ma intalab l-ebda Levy fuqhom.

Talbet bir-rispett ghar-ragunijiet premessi, li din l-Onorevoli Qorti joghgobha tiddikjara bhala infondata d-dikjarazzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana fejn qed jitlob il-hlas ta’ tlett mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm365) allegatament dovuti mis-socjeta’ rikorrenti bhala levy u

VAT fuq importazzojni ta' juice u nectars impurtati f'Mejju 2001 skond post entry mahruga fil-11 ta' Gunju 2001.

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 10 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:-

Illi preliminarjament in-nuqqas ta' notifika tal-Avukat Generali bir-rikors promotur, ai termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-mertu, l-ufficjali tal-esponent, qabel irrilaxxaw il-merkanzija lill-importatur hadu kampjuni ta' juices u nectars in kwistjoni u ghalhekk kien car li kien ghad hemm pendenza u fil-fatt irrizulta li kien ghad hemm levy dovuta.

Illi d-direttiva msemmija fir-rikors u kull ligi ohra tal-Unjoni Ewropea hija parti mill-ligi Maltija kemm il-darba kienet inkorporata fil-ligi taghna u l-esponent huwa obbligat li japplika l-ligi Maltija. Ghalhekk l–esponent jista' japplika biss id-definizzjoni ta' x'inhu prodott u minn x'hiex inhu maghmul hekk kif tirrizulta fil-ligi Maltija u fl-ebda ligi ohra.

Illi l-esponent huwa l-awtorita' kompetenti biex jaghti klassifika ta' oggett ghall-fini ta' taxxi ta' importazzjoni u ghalhekk ma jfissirx li ghax l-importatur ma jaqbilx mal-klassifika tal-istess oggett, ifisser li l-esponent ma kienx korrett fil-klassifika tieghu. Biex tkun annullata decizjoni ta' awtorita' kompetenti irid ikun ippruvat li l-awtorita' agixxiet ultra vires il-poteri taghha. Altrimenti d-decizjoni tibqa'.

Illi lanqas ma rrizulta li r-rikorrent utilizza l-procedura li tezisti biex klassifika ta' prodott tkun mibdula.

Illi l-esponent agixxa kompletament skond il-ligi Maltija u ghalhekk l-ammont mitlub hu dovut fl-intier tieghu.

L-esponent talab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni fil-qasir da parti tal-intimat.

Ikkunsidrat

Illi Carmen Micallef, direttur tas-socjeta' rikorrenti u prodotta biex tixhed minn din, spjegat (fol 12 et seq ibid) illi matul Mejju/Gunju 2001, is-socjeta' rikorrenti kienet importat "fruit juices" u "nectars". Wara li saret talba gharrata ta' "levy" applikabbli fis-sena' imsemmija, il-merkanzija giet rilaxxata mid-Dipartiment tad-Dwana u tpoggiet fl-imhazen tal-istess socjeta'. Pero', sussegwentement, kienet ntbaghtet l'hekk imsejjha "post-entry" (fol 25 ibid) in konnessjoni ma' kampjuni di gja li kienu gew moghtija ghall-iskop ta' analisi da parti tad-Dwana. Permezz ta' dan id-dokument, is-socjeta' rikorrenti kienet giet infurmata illi "… l-'levies' gew ikkalkolati hazin, u suppost kellu jigi kalkolat 'levy' a bazi ta' 36 centezmu kull litru' minhabba li l-intimat kien qed jikkonsidra l-oggetti importati bhala "soft drinks" u mhux bhala nectars. Is-socjeta' rikorrenti ma kienitx qablet ma' din l-konklusjoni u ghamlet referenza ghall-Avviz legali numru 123/99 specifikatament a bazi ta' dak li hu "highlighted" kif jidher a fol 19 tal-atti minn fejn tidher id-differenza fil-'levy' bejn dawn iz-zewg tipi differenti ta' prodotti. Ix-xhud esebiet dokument iehor mahrug mill-Awtorita' Sanitarja Spanjola (fol 24 ibid) minn fejn jidher li l-istess prodotti huma idonei ghal konsum uman u huma deskritti bhala 'juices' u 'nectars'. Ix-xhud, inoltre kienet uriet lill-Qorti, l-prodott kontestat u filfatt fuq il-kontenutri kien hemm miktub bl-Ispanjol, il-'kelma 'nectar'.

Ikkunsidrat

Illi l-intimat ipproduca diversi provi in sostenn ta'dak sostnut minnu dwar il-kaz in desamina, cjoe :

a) Lawrence Sammut (fol 30 et seq ibid) fizzjal fid-Dipartiment tad-Dwana, kien hatt flimkien ma fizzjal iehor, Salvu Grima il-'container' li fih kien hemm il-prodotti in kwistjoni, sema' illi f'dan il-kaz, fuq id-'duplicate form' spjegata fix-xhieda tieghu, kien hemm struzzjonijet sabiex

jittiehdu kampjuni tal-prodotti in esami, deskritti bhala ‘nectars’. L-istess kampjuni kienu gew elevati u trasportati taht is-sorveljanza tieghu u ta’ Salvu Grima fil-laboratorju tal-istess Dwana. Mill-analisijiet, kien irrizulta illi “… l-klassifika li kien ta’, lil dawn il-prodotti, l-importatur, ma kienetx dik korretta hlief in konnessjoni … it-‘tomato juice’ (ara rapport, in fotokopja esebita a fol 38 ibid).

b) L-analista involut u stazzjonat fid-Dipartiment tad-Dwana, Victor Sammut (fol 39 et seq ibid) beda billi jispjega illi fuq il-‘labels’ tal-kampjuni msemmija kien hemm imnizzel, bhala kontenut “… meraq tal-frott, ilma u artificial sweeteners’. Hu rrefera ghall-Avviz Legali numru 242/1998 li jiddefinixxi, b’mod car “…x’hinu ‘fruit juice’ u ‘fruit nectar’. Difatti x-xhud spjega illi “fruit juice’ jsir u ghandu jigi konsiderat bhala ‘nectar’ cjoe’ “… meta ma’ l-istess meraq tal-frott izzid ilma u zokkor f’kontenur li ma jeccedix … 50%, dan ma jibqax aktar ‘fruit juice’ imma ‘nectar’ u f’kaz li “.. l-ilma u z-zokkor … jeccedi l-50% tal-kontenut dak jigi normal beverage”. Difatti, l-istess xhud spjega li ma kienx analizza l-kontenut tal-kampjuni izda qal illi “.. fuq il-labelling konna diga qbilna … bhala Dwara u l-importatur”. A bazi tal-istess ‘labelling’ ix-xhud kien “… ikklassifikajt dan il-prodott taht il-klassifika ‘other (inklusi ‘soft drinks’) peress li ma kienx jikkwalifika la taht ‘nectar u la taht ‘fruit juice’ (ara ukoll l-istess rapport hawn fuq imsemmi). Hu spjega ukoll illi “… zokkor u ‘artificial sweetener’ jaghmlu oggett … aktar helu pero kimikament jikkontjenu affarijiet differenti totalment “Dwar dan il-punt, ix-xhud kien spjega lill-importatur, meta dan kien informah illi fil-ligi tal-Unjoni Ewropeja ma hemm l-ebda differenza bejn “artificial sweetener’ u zokkor, illi hu kien mexa skond il-Ligi Maltija. Ghalhekk in vista li l-prodotti in esami, kienu jikkontjenu, “artificial sweetener’ u mhux ‘zokkor’ kellhom jigu konsiderati bhala “soft drinks’ skond il-ligi Maltija citata u dan taht it-tariffa 2202901099 (ara regolarment 31 (g) u 4.1 a fol 86 u fol 98 ibid abbinat mat-tariffa a fol 108 ibid).

Ikkunsidrat

Illi jigi rilevat illi meta gara dan il-kaz, Malta ma kienetx membru tal-Unjoni Ewropeja u ghalhekk jidher car li l-ligi

vigenti u li kienet tirregola dan il-kaz kien fil-fatt, l-Avviz legali 242 tal-1998 li jinsab esebit in atti a fol 83 et seq ibid u li ghalih di gja saret referenza b'mod specjali ghar-regolamenti u tariffi hawn fuq imsemmija.

Illi, skond l-istess ligijiet citati u kif hemm specifikat a fol 19 tal-istess atti, kif hawn klassifikati, hemm differenza mhux hazin bejn levy fuq 'soft drinks' cjoe 36 centezmu kull litru u dik fuq 'fruit nectars' ammontanti ghal 12-il centezmu kull litri. Is-socjeta' rikorrenti tikkontendi illi l-prodotti in esami kellhom jkunu soggetti ghat-tieni wahda, dik l'aktar baxxa waqt li l-intimat jsostni li dik li kienet vigenti, fil-perjodu in esami kienet dik l'aktar gholja.

Illi dwar dak li ghadu kemm intqal, jidher li l-istess prodotti, minhabba li ma kienux jikkontjenu zokkor naturali izda dolcifikanti artificjali fatt li ma giex kontestat mill-istess socjeta' rikorrenti, ma jistax jigi klassifikat la bhala 'juice' u la bhala 'nectar'. Ghalhekk it-tezi tas-socjeta' rikorrenti ma tistax tigi akkolta waqt li dik tal-intimat tidher li hi korretta a bazi tal-ligi vigenti cjoe l-ligi Maltija. Illi jigi rilevat, ulterjorment, illi l-prodotti inesami kienu filfatt gew rilaxxati mid-Diparitment tad-Dwana. Pero dan kien soggett, specjalment in rigward l-'levy' li ghalihom kienu soggetti illi jigu esaminati l-kampjuni li ttiehdu waqt l-istess rilaxx. In konnessjoni ma dan, kienet inharget mill-intimat il-'post entry' esebita in atti a fol 25, kif di gja nghad.

Ikkunsidrat

Illi, a bazi ta' dak premess ma jidhirx li t-talba in ezami tista' tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti bl-ispejjes kontra l-istess socjeta'.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------